# "KOOPERATURI FIX-XANDIR TA' L-EVANĠELJU" (Fil 1,3)

*Is-Sibt filgħodu, 3 ta' Jannar 2009, fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, Victoria, Għawdex, saret il-laqgħa ta' bdil ta' l-awguri bejn is-saċerdoti tad-djoċesi u l-Isqof Mario Grech. Fl-okkażjoni ta' din il-laqgħa, l-Isqof Grech għamel dan id-diskors li fih jagħti linji programmatiċi ta' pastorali għall-Knisja f'Għawdex.*

Għeżież Saċerdoti, "kooperaturi fix xandir ta' l Evanġelju",

Illum bħala Knisja f'diversi oqsma tal-ħajja nesperjenzaw distanza kulturali bejn it-twemmin Nisrani u l-mentalità kontemporanja. Dan narawh f'dak li għandu x'jaqsam mal-affettività, l-edukazzjoni, l-ekonomija, is-sanità, l-politika, eċċ. Għalkemm *prima facie* dan jista' jidher bħala fenomenu negattiv għax jimplika telfa jew daqqa fatali, għall-kuntrarju nixtieq li nħarsu lejh bħala opportunità li għandha tixprunana biex bħala Nsara u bħala Knisja lokali nagħmlu għażliet prijoritarji. Huwa fatt li l-istrutturi, partikularment il-komunitajiet parrokkjali, huma mgħobbija b'ħafna attività; għalhekk fil-kuntest ta' żmienna, fejn is-soċjetà qed tinbidel, huwa urġenti li nagħmlu għażliet prijoritarji biex anke l-Knisja tkun tista' taġġorna ruħha.

Xi drabi, meta nirrifletti dwar il-filosofija pragmatika li bħal tnalja qed taħkem l-imħuħ tal-poplu tagħna, ġieli nistaqsi lili nnifsi x'għandi nagħmel biex inxandrilhom l-Evanġelju. Nistħajjel li dan huwa t-tħassib ta' l-operaturi pastorali tagħna, partikularment tagħna s-saċerdoti. Żgur li ħafna ġenituri huma preokkupati għax ma jafux kif ser jgħaddu lil uliedhom it-twemmin Nisrani. Fi ħdan il-poplu t'Alla niltaqgħu ma' persuni li jibqgħu lura milli jesprimu l-konvinzjonijiet Kristjani tagħhom għax iħossuhom imbarazzati jitkellmu bil-miftuħ. Dan u aktar qed jimbuttana biex naqgħu fil-"mutiżmu" tal-fidi.

Imma jekk tlifna l-kelma, irrid nittama li ma naqasniex is-smigħ biex inħallu tidwi f'widnejna kliem l-Appostlu Missierna: "Ħażin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju". Il-predikazzjoni ta' l-Evanġelju mhux biss hija obbligu tal-appostlu, imma hija l-istess *raison d'etre* tal-Knisja. L-evanġelizzazzjoni hija "il-problema" li għandha l-Knisja, għax jekk tagħżel li tibqa' muta u ma tevanġelizzax, tkun tqiegħed l-istess eżistenza tagħha fil-periklu. Sfortunatament, peress li l-Knisja lokali hija mogħnija bi tradizzjoni antika, m'għandnix esperjenza ta' evanġelizzazzjoni ġdida! Sa ftit ilu, l-azzjoni pastorali kienet tissuponi li t-trażmissjoni tal-fidi żgur ser tgħaddi mill-missier għal għand l-iben. Illum dan mhux il-każ.

Ħamsin sena ilu, l-Konċilju Vatikan II nieda żmien ta' rebbiegħa għall-Knisja. Imma huwa fatt li ħafna mit-tamiet li ħoloq il-Konċilju baqgħu mhux mitmuma, u f'xi kwartieri ekkleżjastiċi, inkluż fid-djoċesi tagħna, għad hemm min għandu nostalġija għall-Knisja pre-konċiljari! Għalkemm irrid nirrikonoxxi li bl-għajnuna ta' l-Isqof Nikol Cauchi l-Konċilju serva ta' boxxla li orjentat il-mixja tad-djoċesi fis-snin li għaddew, illum fostna jidhru sinjali ta' għejja, rutina u ġġammjar f'aspetti diversi tal-ħajja ekkleżjali, bħalma huwa fil-każ:

- tal katekeżi tal inizjazzjoni Nisranija, partikularment tat-tfal u l-adolexxenti, li flok tibda biex tkompli u twassal għall-katekeżi permanenti, tibda biex tintemm maċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament!;
- tal-katekeżi sporadika, frammentarja u biblikament fqira ta' l-adulti, li mhix tgħin biex ikollna Nsara adulti maturi;
- tal-kriżi fil-familja, bħala dak l-ambjent primarju fejn il-fidi tgħaddi lill-ġenerazzjonijiet ġodda;
- u tal-prassi abitudinarja u formali anke fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija u l-ħajja sagramentali.

Dawn huma ftit eżempji li jqanqluna nistaqsu dwar kemm kien reċepit il-Konċilju Vatikan II.

Dan kollu jirrifletti mhux biss fuq l-operaturi pastorali u l-metodi pastorali li qed inħaddmu, imma wkoll fuq il-poplu t'Alla li huwa poplu "epokali". Il-fidi bħala għażla ħielsa u matura favur il-Kelma t'Alla, mhix bħal dar li wieħed jibni darba, mbagħad jgħaddiha b'eredità lil ta' warajh. Il-ġenerazzjoni ta' kull epoka jkollha attitudni diversa lejn il-wirt tal-fidi – kemm bir-riżorsi u l-potenzjalità li jkollha, kif ukoll bir-reluttanza, diffidenza u defiċjanzi tagħha!

Fis-soċjetà kontemporanja jeżistu ċerti aspetti kulturali li jagħmlu diffiċli, jekk mhux kważi impossibbli l-evanġelizzazzjoni:

- it-tnaqqir tas-sens Kristjan tal-ħajja u ta' l-istorja;
- l-inċertezzi fuq l-identità tal-familja, biex ma nsemmix l-inċertezzi fuq l-identità tal-persuna;
- l-apatija u l-abbandun ta' prattika reliġjuża;
- il-pluraliżmu reliġjuż u dak etiku;
- kif ukoll il-ħsieb li jiġi eleminat kull sens etiku u morali.

Din l-inċertezza eżistenzjali u l-qtigħ il-qalb li jaħkem il-bniedem tal-lum, huma kawża ta' frustrazzjoni, nuqqas ta' impenn, evażjoni u dwejjaq. F'qagħda bħal din, fejn il-bniedem qed isibha diffiċli biex jirrelata u jikkomunika, jekk il-Knisja ma tieħux l-inizjattiva u toffri tweġiba bis-sens, hemm il-probabbiltà li hija tidher bħala dik li mhix kapaċi tikkomunika bxara tajba lil dawn il-persuni, mhux għax hi nieqsa mill-kelma, imma għax "Kelmitha" tista' titlef il-qawwa evokattiva tagħha! Huwa f'dan il-kuntest li meta dan l-aħħar tkellimt dwar kif nixtieqha tkun il-Knisja tagħna għal din is-sena l-ġdida, għedt li ma nistgħux nippermettu li jkollna Knisja għażżiena, sedentarja u muta! Għall-kuntrarju, rridu noħolmu Knisja attenta biex tisma' l-Kelma, mimlija bi spirtu missjunarju biex twassal lil Kristu – il-Kelma eterna t'Alla li tlissnet fil-milja taż-żmien. Il-protagonista li tagħmel l-istorja tal-Knisja għandha tkun il-Kelma. Għalhekk qatt ma hu biżżejjed il-għadd tal-"*kooperaturi fix-xandir ta' l-Evanġelju*" (Fil 1,3).

Sa mill-bidu tal-ministeru episkopali tiegħi fostkom, xtaqt intellaq itinerarju pastorali li jara l-Knisja lokali impenjata f'ħidma ta' rievanġelizzazzjoni, u napprezza li sibt kollaboraturi li għandhom l-istess konvinzjoni, u flimkien qed naħdmu f'din id-direzzjoni. Il-Pjan Pastorali tas-sena l-oħra, "*Kunu ħbieb ta' l-Evanġelju*" kellu bħala wieħed mill-għanijiet ewlenin tiegħu li fil-parroċċi jitwaqqfu gruppi li jagħmlu l-*lectio divina*; għal din is-sena pastorali, l-Pjan huwa mibni fuq il-Missjoni Djoċesana proġettata bħala inizjattiva pastorali li toffri okkażjoni ta' evanġelizzazzjoni, u twassal biex wara li tintemm, fid-djoċesi jkollna xi tip ta' esperjenza ta' formazzjoni kateketika permanenti.

Kelli xewqa li kull sena d-Djoċesi tipproponi "ktieb bibliku" li jservi bħala test bażiku għad-diversi attivitajiet pastorali, konvint li x-xandir tal-Kelma jwassal għal dik il-barka li wiegħed l-Imgħallem lil dawk li jisimgħu l-Kelma t'Alla u jħarsuha (Lq 11,28). Kien għalhekk li din is-sena indikajna l-Ewwel Ittra ta' San Pawl lill-Korintin, li kopja tagħha ser titqassam lil kull familja. Is-Segreterija Pastorali hija impenjata li toffri sussidji kateketiċi-pastorali mibnija fuq it-teoloġija Pawlina li hemm f'din l-Ittra. Anke jekk għaddew erba xhur mis-sena pastorali, inħoss li nistgħu nużaw aktar dan il-ktieb li fih *insights* pastorali validi għaż-żminijiet tal-lum.

L-Ittra lill-Korintin turina li Pawlu kellu jaffronta kemm diffikultajiet esterni – bħalma kienu l-isfidi kulturali –, kif ukoll sfidi interni fil-komunità ekkleżjali. L-esperjenza negattiva li Pawlu kellu f'Ateni, meta f'kuntest ta' pluraliżmu profan u lajk huwa kellem lin-nies tal-kultura ta' dak iż-żmien, ma żammux milli jerġa' jfittex u jirrelata mal-għorrief ta' Korintu. Imwieżen bil-kelma ta' Kristu, li qallu: "La tibżax, imma tkellem u tiskotx għax jien miegħek u ħadd ma hu ser imidd idu fuqek biex jagħmillek il-ħsara, għax poplu kbir hawn għalija f'din il-belt ta' Korintu" (Atti 18,9), Pawlu emmen li l-Evanġelju għandu messaġġ li kapaċi jinterpella lil kull bniedem, anke jekk ikun kulturalment differenti minn min qed iwasslu.

Lilna dan għandu jistimulana biex infittxu nimirħu f'toroq u f'żoni li huma lil hinn miz-zuntier tal-Knisja, anke jekk nirriskjaw li ser niltaqgħu ma' min hu kulturalment differenti minna! Sa ftit ilu, konna ndoqqu l-qanpiena tal-knisja u nistennew in-nies tiġi; illum forsi hemm bżonn inħallu r-reċint tal-knisja biex inpoġġu l-Evanġelju f'santwarji ġodda. Kif jindikawlna l-enċikliċi *Veritatis Splendor* u *Fides et Ratio,* kif ukoll il-maġisteru tal-Papa Benedittu XVI, li jikkonferma kemm ir-raġuni umana hija pern ta' l-attività evanġelizzattriċi tiegħu, nistgħu nibdew kif jibda Pawlu f'Ateni u f'Korintu, billi ngħinu lill-bniedem jagħraf li r-raġuni umana hija triq li tista' tintroduċih għall-misteru t'Alla.

Imma d-diffikultà prinċipali mhix waħda ta' kontenut! Il-patrimonju bibliku u teoloġiku li għandha l-Knisja huwa teżor kbir, partikularment l-esperjenza ta' l-aħħar Sinodu ta' l-isqfijiet li kellna ftit xhur ilu! Biex ikollna materjal validu f'idejna, fix-xhur li għaddew ħtart lil Dun Anton Teuma bħala responsabbli mill-katekeżi ta' l-adulti, u lill-Kan Joseph Sultana bħala responsabbli mill-katekeżi tat-tfal u l-adolexxenti. Qed naħdmu biex fi ħdan il-Konferenza Episkopali tagħna titwaqqaf Kummissjoni Kateketika Interdjoċesana u fiha jkun hemm żewġ rappreżentanti mid-djoċesi tagħna.

Imma dan il-kontenut ma jinċedix minħabba l-kwalità fqira ta' relazzjonijiet fil-komunitajiet tagħna. Il-komunitajiet tal-Knisja tal-bidu twaqqfu u ssawru frott tax-xhieda u t-tħabbir li kien isir minn persuna għal persuna. Kuntrarjament għal dan, il-komunitajiet tagħna huma ffurmati minn persuni li ma jafux lil xulxin u li ma għandhomx interess u mħabba lejn xulxin! Forsi sal-lum serraħna rasna bl-istrutturi bħalma hija l-parroċċa! Imma qed nintebħu li biex tikkonserva l-parroċċa, trid tipprivileġġja r-relazzjoni personali ma' l-individwi membri tal-komunità. Peress li ma hemmx evanġelizzazzjoni mingħajr akkumpanjament tal-persuna, dan ifisser li r-relazzjonijiet mal-membri fi ħdan il-komunità hemm bżonn li jkollhom aktar attenzjoni, partikularment tagħna s-saċerdoti. Biex tkun tafhom hemm bżonn tkun magħhom, tismagħhom, tinteressa ruħek fl-istorja tagħhom. Chiara Lubich tikteb hekk: *"Per comunicare, sentiamo il dovere 'farci una cosa sola – noi diciamo, - con chi as'olta. Anche quando si parla o si svolge un tema, non ci si limita ad esporre il contenuto del nostro pensiero. Prima sentiamo l'esigenza di sapere chi abbiamo dinanzi, di conoscere l'ascoltatore o il publico, le sue esigenze, i suoi desideri, i problemi … Così il messaggio viene non solo intellettualmente recepito, ma anche partecipato e condiviso".* Naturalment dan l-akkumpanjament jeżiġi aktar ħin, sabar u mħabba. Dan kollu jinterpellana dwar jekk aħna aħniex "qassisin tal-poplu" u "qassisin tat-triq".

Irridu nikkuraw l-ambjenti fejn titwassal il-Kelma. Il-parroċċa tibqa' dejjem l-ewwel post fejn tiltaqa' l-komunità madwar il-Kelma. Imma biex nevitaw l-anonimat u nsaħħu r-relazzjonijiet li għadni kif semmejt, il-parroċċa għandha tiġi kontemplata u strutturata bħala "komunità ta' komunitajiet domestiċi".

L-ewwel esperjenza ta' din ix-xorta għandha ssir fi ħdan il-familja li hija l-ewwel "knisja domestika". Sa mill-ewwel żminijiet, wara li l-Insara tkeċċew mis-sinagogi, l-Evanġelju beda jixxandar fil-familji u l-kap tal-familja sar l-animatur ta' dik il-komunità; eżempju ta' dan kienet Lidja, negozjanta tal-porpra fil-belt ta' Filippi (Atti 16,14-15.40). Imma din l-esperjenza tiftaqar jekk il-familji tagħna ma jibqgħux familji minħabba nuqqas ta' stabbiltà. Bil-għan li nsostnu lill-miżżewġin u l-familji, tlabt lil Dun Anton Teuma biex ikun responsabbli mill-pastorali familjari. Filwaqt li għandha tiġi kkonsolidata l-ħidma tal-Moviment ta' Kana, bħalissa qed naħdmu biex infasslu kors ta' formazzjoni b'bażi kateketika lill-għarajjes li qed jitħejjew għall-ħajja miżżewġa, bil-għan li ngħinuhom jaqbdu triq li tintroduċihom għal formazzjoni permanenti li tkompli wara t-tieġ.

Permezz tat-Tribunal Ekkleżjastiku l-Knisja toffri servizz lil dawk il-persuni li għax għandhom żwieġ imkisser jixtiequ jiksbu dikjarazzjoni ta' nullità. Matul is-sena li għaddiet ġew ippreżentati 10 kawżi ġodda u t-Tribunal ta deċiżjoni fuq 10 każijiet (7 ġaħ; 1ġnħ, 2 ġarkħ). Bħalissa hemm 34 kawża pendenti u 49 jistennew li jibdew. Dan mhux numru żgħir u għandu jippreokkupana, għax dawn il-persuni qed ikollhom jistennew ħafna. Bil-għan li nipprovdi aktar *personnel* li jgħin fit-Tribunal biex jitħaffu l-proċessi, din is-sena sejjaħt ħames

persuni (imħallef u erba' udituri) biex jikkumplementaw l-*istaff* li hemm fit-Tribunal (tliet imħallfin u żewġ udituri) immexxi mill-Vigarju Ġudizzjali l-Kapp. Dun Edward Xuereb, li nirringrazzjah għax-xogħol delikat li qed iwettaq. Billi kien hemm min waqaf jagħti s-servizz tiegħu, attwalment għandna erba' mħallfin u erba' udituri.

Nerġa' nirritorna għall-kunċett ta' parroċċa bħala "komunità ta' komunitajiet". Wara l-esperjenza tal-komunità domestika, huwa awspikat li fil-parroċċa jkun hemm "centri di ascolto" jew "gruppi li jiltaqgħu madwar il-Vanġelu". Kif għidt fil-bidu, frott tal-Pjan Pastorali tas-sena l-oħra, kważi fil-parroċċi kollha llum hemm esperjenza ta' dawn il-"komunitajiet", bittama li filwaqt li dawn jiġu kkonsolidati, jinħolqu oħrajn. Ma' dawn ma nistax ma nsemmix l-Għaqdiet ta' l-Appostolat, li kull waħda skont il-kariżma tagħha tikkontribwixxi fil-formazzjoni Nisranija. Dawn l-esperjenzi kollha, li minnhom tiddependi sew il-Knisja ta' għada, għandhom isibu l-appoġġ u s-sostenn tagħna s-saċerdoti.

Min ser ixandar il-Kelma? Quddiem nett fil-lista ta' dawk li għandhom il-ministeru tal-Kelma, hemm aħna s-saċerdoti. Aħna m'għandniex il-monoploju tax-xandir, imma għandna r-responsabbiltà li nkunu xhieda awtorevoli ta' l-Evanġelju. Il-formazzjoni kontinwata tagħna tgħinna niżvolġu dan il-ministeru b'responsabbiltà u effikaċja. Jien sodisfatt ħafna bil-parteċipazzjoni tal-presbiteri fil-laqgħat ta' formazzjoni proposti mid-djoċesi – kemm dawk il-laqgħat djoċesani (bħal meta kellna l-Ġimgħa Liturġika), dawk żonali u l-eżerċizzi spiritwali, li din is-sena ż-żewġ irtiri kienu mimlijin! F'dak li għandu x'jaqsam mal-formazzjoni tas-Seminaristi tagħna, ngħarrafkom li minn din is-sena sejjaħt ħames saċerdoti bħala *lecturers* ġodda biex jgħinu fil-formazzjoni akkademika tas-seminaristi.

Irrid ngħid kelma ta' apprezzament għall-ħidma ministerjali li kull wieħed minnkom iwettaq fid-djoċesi. Mumenti ċelebrattivi, bħal meta l-presbiterju djoċesan iltaqa' dakinhar tal-ftuħ tal-Missjoni Djoċesana fil-Munxar u fil-manifestazzjoni ta' Kristu Re fix-Xewkija, huma sbieħ ħafna u apprezzati mill-poplu t'Alla.

Aktar ma jkollna "pastorali integrata", fis-sens li nimxu flimkien f'direzzjoni waħda kif indikata mid-djoċesi, aktar inġibu 'l quddiem il-kawża tal-evanġelizzazzjoni. Biex nilħqu dan il-għan, inkomplu nsaħħu bejnietna l-komunjoni presbiterali. Sinjal qawwi ta' din il-ħajja fraterna u komuni qed jibagħtuh dawk is-saċerdoti li qed jgħixu flimkien fid-*domus curialis*, bħal fil-każ tal-parroċċi ta' Għajnsielem, San Lawrenz u San Ġorġ. Wieħed jawgura li dawn l-eżempji jiġu kkuppjati. F'dan il-kuntest ninfurmakom ukoll li din is-sena żewġ parroċċi ġew assenjati vigarju parrokkjali (Żebbuġ u San Ġorġ), u parroċċa oħra laqgħet kollaboratur parrokkjali (Għajnsielem).

Fix-xandir tal-Kelma magħna għandna bħala kollaboraturi r-Reliġjużi u l-lajċi; imma biex dawn ta' l-aħħar ikunu jistgħu jiġu afdati bil-ministeru tal-Kelma, bħal fil-każ tal-katekisti kemm taż-żgħar kif ukoll tal-kbar, jeħtieġ li qabel xejn huma stess ikunu "qagħdu għall-Kelma tal-Evanġelju" (Rum 10.16) b'esperjenza fi grupp jew komunità. Għax kif jgħid San Pawl, "kif jistgħu jsejħu lil dak li ma jemmnux fih? Kif jistgħu jemmnu f'dak li ma semgħux bih? Kif jistgħu jisimgħu jekk ma jxandrulhomx?" (Rum10,15).

L-esperjenza li qed inġarrbu fil-Missjoni Djoċesana turi li fid-djoċesi għandna ħafna li, għax iħobbu lil Ġesù u lill-Knisja, wieġbu b'ġenerożità u assidwità biex jisimgħu l-Kelma fil-laqgħat ta' katekeżi li saru fil-parroċċi u f'Ta Pinu. Mhux tas-soltu li bħall-bieraħ (il-Ġimgħa 2 ta' Jannar 2009) is-Santwarju ta' Pinu jkun mimli b'assemblea li trid tisma'! Lanqas ma huwa insinifikanti l-fatt li madwar 500 persuna lajċi (u xi Reliġjużi nisa) offrew id-disponibbiltà tagħhom biex nhar it-Tnejn joħorġu fit-toroq ta' gżiritna ħalli fi tliet ġimgħat iwasslu l-Kelma ta' Kristu għand il-familji kollha! Fihom infushom dawn huma sinjali li jagħmlulna kuraġġ, imma fl-istess ħin jgħabbuna b'responsabbiltà, għax ladarba hemm min huwa għatxan għal Alla, aħna ma nistgħux noqogħdu passivi kemm issa waqt il-Missjoni kif ukoll wara li tintemm.

Nixtieq#u li frott ta' din il-Missjoni Djoċesana, il-poplu t'Alla f'Għawdex jgħożż aktar l-Ewkaristija tal-Ħadd, imma ma jistax ikun hemm Ewkaristija mingħajr tħejjija remota u prossima frott ta' evanġelizzazzjoni! Għalhekk, bħala "*kooperaturi fix-xandir ta' l-Evanġelju*", nitlobkom biex fil-ġimgħat li ġejjin tgħinuni bit-talb u s-suġġerimenti ħalli l-Knisja jkollha proposti konkreti biex il-moviment li qanqal l-Ispirtu t'Alla matul il-Missjoni jinawgura esperjenza sabiħa fostna.

B'dawn il-ħsibijiet, nawguralkom is-Sena t-Tajba.

---

# L-GĦERF UMAN GĦAS-SERVIZZ TAD-DINJITÀ TAL-BNIEDEM

*Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech waqt quddiesa pontifikali fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, li saret il-Ġimgħa, 21 ta' Novembru 2008, fl-okkażjoni tal-Gradwazzjoni ta' għadd ta' studenti ta' l-Università ta' Malta.*

### *Id-dinjità tal-persuna umana*

"Id-diskors tal-Muntanja" (Mt 5) ma għandu qatt jitqies bħala alibi għall-inġustizzji li jagħmel il-bniedem! Il-fatt li Ġesù jgħid li l-foqra u dawk li huma bil-għatx u l-ġuħ tal-ġustizzja huma henjin, bl-ebda mod ma jfisser li Ġesù b'xi mod qed jiġġustifika jew jittollera dawk is-sitwazzjonijiet inumani – realtajiet li jeżistu għax hemm min huwa tant egoista li mhux biss ma jimpurtahx mill-weġgħat ta' ħutu, imma wkoll qed jikkawża din il-weġgħa!

Anzi, id-"diskors tal-barkiet" indirettament jikxef x'inhu l-għerq ta' l-inġustizzji: li għalina normalment huwa hieni min jimpala l-ġid, min għandu aktar milli jesgħa ġildu, min jaħkem fuq l-oħrajn! Jekk il-kriterju tagħna ta' x'inhu l-hena huwa dan, allura huwa evidenti li l-inġustizzji ser jiżdiedu u ser joktor il-faqar.

Meta l-bniedem mhux trattat bħala bniedem, meta l-viżjoni tagħna tal-bniedem tirriduċi ruħha għal waħda materjalista u utilitarista, allura żgur li tnibbet u żżerra' l-inġustizzja. Kif nistgħu nosservaw fis-suq, il-mudell ta' l-ekonomija li ħaddimna qed iċedi bil-mod il-mod. Konsegwenza ta' dan, kuljum qed ifaqqsu forom ġodda ta' faqar. Dan il-mudell sfaxxa għaliex l-attività finanzjarja ħadet is-sopravvent fuq l-ekonomija reali: il-finanza saret ideoloġija li ppruvat u rnexxielha titfi kull riflessjoni oħra, partikularment dwar min hu l-bniedem. Infatti, kif osserva xi ħadd dan l-aħħar, "il-kriżi mwergħa li għaddejjin minnha mhix biss kriżi ekonomika u finanzjarja, imma hija wkoll kriżi antropoloġika għax il-bniedem tilef il-kuxjenza ta' "hu min hu", tant li x-xogħol sar l-uniku skop għal ħafna, il-qliegħ għan fih innifsu, u rridu naqtgħu l-frott fl-iqsar żmien possibbli. (Bernard Scholz, *Compagnia delle Opere*, Milano, 18 Nov 2008)

Biex toħroġ minn din is-sitwazzjoni ta' qtiegħ il-qalb, is-soċjetà trid tibda tirrispetta l-primat tal-persuna umana. Huwa biss meta l-bniedem jibda jiġi vvalutat bħala bniedem li mbagħad nibdew ħerġin minn din il-kriżi. Proprju għax il-bniedem jaħdem, ix-xogħol tiegħu għandu tifsira profondament umana li ma tistax tiġi żvalutata jew skapriċċjata.

### *L-għerf bħala servizz lejn il-bniedem batut*

Matul is-snin dejjem kien hemm nisġa qawwija bejn l-impenn intellettwali u dik l-attenzjoni speċjali għal faqar qadim u ġdid. L-istorja ta' l-università tagħna tixhed li kienu ħafna dawk li xorbu mill-għajn tal-għerf biex mbagħad setgħu jaqdu ġenerożament lill-fqir u liż-żgħir. Irrid nittama li dan huwa wkoll wieħed mill-ideali tagħkom, li llum qed troddu ħajr lil Alla talli temmejtu l-korsijiet tagħkom u issa tibdew tfittxu fejn tistgħu toffru l-kontribut professjonali tagħkom. Il-foqra qegħdin magħna. Peress li mhux dejjem isibu min ġenwinament isostnihom mill-kamp politiku, intom, bħala ċittadini, kulħadd espert fil-kamp tiegħu jew tagħha, tistgħu tkunu t-tama tagħhom li b'xi mod tgħinuhom jgħixu ħajja umanament dinjituża. Għandna familji li qed ifittxu min jgħinhom biex jegħlbu d-diffikultajiet relazzjonali u finanzjarji; għandna ħaddiema li jixtiequ serħan il-moħħ dwar ix-xogħol li għandhom; għandna tfal u adolexxenti li qed jaffrontaw sfidi ġodda fis-sistema edukattiva; għandna ħafna aspettattivi biex fil-qasam tas-saħħa jkun assigurat ir-rispett lejn il-ħajja; għandna anzjani li jibżgħu li fl-aħħar fażi ta' ħajjithom mhux ser ikollhom min joffrilhom kenn. Dawn biex insemmi ftit eżempji.

San Bernard jikteb: "Hemm dawk li jridu jkunu jafu biex ikunu jafu, u din hija kurżità; hemm oħrajn li jridu jitgħallmu biex ħaddieħor ikun jaf li huma jafu, u din hija vanità; oħrajn li jistudjaw biex imbagħad ibiegħu l-għerf tagħhom għall-flus u l-unuri, u dan huwa tal-mistħija; hemm min għandu għatx għat tagħlim biex jifforma lilu nnifsu, u din hija azzjoni prudenti; u hemm dawk li jistudjaw biex jagħmlu l-ġid lill-oħrajn, u din hija għażla karitattiva". Huma kliem miktuba ħafna snin ilu, imma attwalissimi. Nitlob lill-Mulej biex iseddaq fikom din il-motivazzjoni li semmejt fl-aħħar.

### *Alla jsalva l-bniedem permezz tal-bniedem*

Fil-Vanġelu li tħabbrilna, Ġesù jifraħ ma' dawk li huma żvantaġġjati għax għandhom vantaġġ kbir: Alla huwa magħhom. Min qed ibati xi forma ta' inġustizzja għandu raġuni biex ikun hieni, mhux għaliex is-sitwazzjoni li jkun jinsab fiha hija xi ħaġa pożittiva fiha nnifisha, imma huwa hieni għax Alla huwa fuq in-naħa tiegħu. Din l-għażla t'Alla favur il-fqir u l-batut issib it-twettieq tagħha fl-għażla li jagħmel in-Nisrani favur il-bniedem fqir u batut. Dik l-"iva" li Alla fedelment itenni lill-bniedem nieqes mill-imħabba, issib ir-rifless tagħha fl-"iva" li n Nisrani kuljum jgħid għall-Kelma t'Alla, bit-tama li bil-qawwa ta' din il-Kelma huwa ser jirbaħ il-ħażen f'kull forma tiegħu f'dinja fejn il-tajjeb u l-veru, u allura Alla, qed dejjem jitwarrab. Għalhekk il-bżonn li l-bniedem jagħti ħin lil Alla, li jfittex spazju biex joqgħod fil-preżenza t'Alla! L-ewwel atteġġjament li għandu jfittex li jikseb il-bniedem huwa dak li jkun jaf jieqaf fis-skiet jisma' lil Alla.

### *Il-kontribut tat-teoloġija għad-dinjità tal-bniedem*

Fil-preżenza t'Alla l-bniedem jasal biex jagħraf li barra milli għandu jwessa' l-ispazji interjuri tiegħu, huwa għandu jiżviluppa wkoll l-ispazji tar-razzjonalità tiegħu. Ma teżistix forma waħda ta' razzjonalità, dik magħrufa bħala espistemoloġija xjentifika. Skond dan il-metodu, huwa validu biss dak li jirriżulta minn tiftix sperimentali. Kieku dan huwa l-uniku metodu validu, kieku ma jagħmilx sens li nitkellmu dwar x'jagħmel ħaġa moralment tajba jew ħażina; dwar x'inhu s-sens aħħari tal-bniedem u ta' l-univers. Min jgħid li huwa razzjonali dak biss li huwa verifikabbli materjalment, ikun qed jirrestrinġi l-istess razzjonalità. Proprju għalhekk huwa importanti li l-fidi jkollha l-ispazju tagħha fil-kultura ta' żmienna biex nerġgħu niftħu r-raġuni għat-temi fundamentali, bħalma huma x'inhu l-veru u t-tajjeb. Id-djalogu bejn it-teoloġija, il-filosofija u x-xjenzi huwa possibbli, għax filwaqt li kull dixxiplina għandha l-metodu tagħha, fl-istess waqt bejniethom hemm rabta intrinsika. Jekk fl-istudji tagħna nerġgħu nirkupraw din is-sintesi, inkunu aktar żguri li qed inħaddnu kunċett korrett ta' persuna – kunċett li joffri paradigma validu għas-servizz li noffru lis-soċjetà.

Fl-Ewwel Qari, San Ġakbu jgħidilna li jekk hemm xi ħadd għaref u għaqli fostna, ħa juri bl-imġieba tiegħu għemilu (Ġak 3,13). Ningħaqad ma' l-Appostlu u nawguralkom li l-għerf li ksibtu fis-snin li għaddejtu l-Università – għerf li żgur għad tridu tikkonfermaw u tkattru bil-formazzjoni kontinwata – , għerf li jgħinkom tiskopru min hu Alla u min hu l-bniedem, jiswielkom biex tagħmlu d-dinja aktar umana milli sibtuha.

---

*Nota tad-Direzzjoni:*
Dawn l-erba' paġni ta' Dokumentazzjoni qed jingħataw bħala żieda mar-rivista u b'rigal lill-qarrejja tagħna, fuq talba ta' ħafna, biex jiġu miġbura u konservati l-aqwa diskorsi, omeliji u ittri pastorali ta' Mons. Isqof Mario Grech. Dawn il-folji kulur safrani jistgħu faċilment jinqalgħu minn ġo nofs ir-rivista biex jiġu miġbura flimkien u llegati separatament mir-rivista.